MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru. 815/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roland Cassar)**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Vs**

**Andrew Formosa ta' 21 sena bin Joseph u Helen xebba Zammit, imwieled Pieta fid-19 ta' Lulju 1984 u joqghod fil-fond Id-Dar, Triq Moroni, Gzira detentur tal-karta ta'l-identita' 35648(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Andrew Formosa li permezz taghha huwa gie akkuzat:

1. talli fis-7 ta' Mejju 2006 ghal habta tal-15:30 ta' wara nofs in-nhar ikkometta ir-reat ta' serq minn gewwa ta' Qali,

liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur ta’ aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira (Lm185) a detriment ta’ Alfred Attard ID 501172(M).

2. u talli fit-30 ta’ April 2006 ghal habta tas-17:45 ta’ wara nofs in-nhar ikkomettejt ir-reat ta’ serq minn gewwa Ta’ Qali, liema serq hu aggravat bil-mezz u valur ta’ aktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira (Lm160) a detriment ta’ Jason Charles Gauci ID 175088(M).

3. u aktar talli fis-7 ta’ Mejju 2006 ikkaguna hsara volontarja ta’ Lm77 fuq vettura EAG 301, a detriment ta’ Alfred Attard.

4. u aktar talli fis-17 ta’ Mejju 2006 ikkaguna hsara volontarja ta’ Lm110 fuq vettura HEL 206 a detriment ta’ Helen Taliana ID200672(M)

5. u talli naqas li jhares l-avviz bil-miktub biex jattendi l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat nhar it-13 ta’ Mejju 2006 mill-Ispettur Roland Cassar

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-8 ta’ Awissu 2006 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni ta’l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti kellha l-opportunita’ tisma’ xhieda ghar-rigward tal-progress illi l-imputat qieghed jaghmel sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Fil-fatt mix-xhieda moghtija minn Jean Cali mill-CARITAS, kif ukoll ta’ Donald Pace Bonello, jidher illi l-imputat qieghed bhal issa isegwi program residenzjali b’success. Inoltre jidher illi anke il-parti leza hafret lill-imputat ghal hsara ikkagjonata lilu.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jibqa’ jigi meghjun ikompli isegwi dana il-programm bit-tama illi huwa jeghleb dana il-vizzju qerriedi u johorg mit-triq tad-delinkwenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 278(2), 325(b) u ©, 355AD(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta’ probation u dana ghal zmien tlett snin mil-lum, b’dana illi l-imputat ghandu jibqa’ isegwi il-programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga taht is-sorveljanza ta’l-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza jew jekk huwa jonoqs mill-jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------